**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 689/2018**

**Illum 15 ta' Jannar, 2019**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1017/18:**

**Alfred Anton Zarifa (KI 315087M) u Olena Viktorivna maghrufa bhala Elena Zarifa (KI 326907L)**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited (C 46783), Alexander Mangion (KI 565482M) u Melvyn Mangion (300580M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru datat 28 ta' Ġunju, 2018 preżentat minn MPM Capital Investments Limited et;

Rat ir-risposta ta' Alfred Anton Zarifa et datata 24 ta' Awwissu, 2018;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' MPM Capital Investments Limited et tal-10 ta' Settembru, 2018 u r-replika ta' Alfred Anton Zarifa et tat-2 ta' Novembru, 2018;

Rat li l-istess revoka tħalla għal digriet kamerali;

**Ikkonsidrat:**

Illi huwa miżmum li l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa limitat sa ezami mad-daqqa t'għajn hekk imsejjaħ *prima facie*. Għalhekk intqal fil-deċiżjoni fl-ismijiet **Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi**[1] li:_

*"Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola proceduri ta' din ix-xorta, u cioe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f 'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f 'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda.".*

Għalhekk kif ben jirriżulta minn dan appena ċitat il-Qorti ma tistax f'dawn il-proċeduri tikkonsidra jekk xi ħadd mill-partijiet involut f'din il-vertenza hux dak idoneju biex iwieġeb għat-talbiet mressqa fir-rikors ġuramentat. Din l-eċċezzjoni tappartjeni kompetenza ta' Qorti adita bl-istess rikors ġuramentat u mhux lil din fi stadju ta' eżami ta' revoka.

Magħmula din il-konsiderazzjoni il-Qorti tgħaddi biex teżamina t-talbiet mressqa.

[1] Deċiza 06/02/2013; 1006/2012

L-ewwel talba għar-revoka hija dik ravvisata taħt l-artikolu **836(1)(b)** li jagħti bħala raġuni għar-revoka *"li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti".*

Għalhekk il-kliem ta' din id-dispożiżżjoni għandu tifsira li xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att issa wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, jinħtieg li jintwera li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att innifsu.

Pero minn dak li jirriżulta mill-atti lilha presentati f'dawn l-atti u mad-daqqa t'għajn ma ġie muri ebda bidla kif hekk ravvisata fl-artikolu in eżami. Għalhekk it-talba għar-revoka tfalli f'dan ir-rigward.

It-tieni artikolu li fuqu tistrieħ it-talba għar-revoka hu l-**836(1)(f) tal-Kap 12.**

Naraw li fis-sentenza **Av. Carmelo Castelli noe. v. Focal Maritime Services et.** datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2002, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet dan:

*"Skond l-Artikolu 836...(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk is-sekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant;"*

Imkien mir-rikors in eżami ma jirriżulta xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika din ir-revoka. Ma nġabet ebda prova mad-daqqa t'għajn illi turi xi bdil ta' ċirkostanzi jew li l-ammont huwa wieħed esaġerat anke jekk ir-rikorrenti da parti tagħhom ukoll għandhom jedd vantat kontra is-sekwestranti. Il-fatt li hemm pendenzi varji bejn il-partijiet, pendenzi li għad jridu jgħaddu minn skrutinju aktar profond, il-fatt li anke inqala diverbju bejniethom u inċidenti li nvolvew il-pulizija ma jiġġustifikax din it-talba.

Konsegwentement ir-revoka hija miċħuda anke f'dan ir-rigward.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll darba li tiċħad it-talba għar-revoka illi tikkontempla li tapplika l-provedimenti ta' l-artikoli 836 (8) u(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-provvediment tal- **Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Steven Pace *et* vs. Paul Said *et***, datat it-**22 t'Awwissu 2013**, li sosstniet is-segwenti:

*"Illi dwar il-kwistjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hi sanzjoni fakoltativa. Il-qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hi fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi, izda bizzejjed jekk tirrizulta wahda minnhom biex il-qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l- qorti hi tenuta li timponi l-penali fejn ikunu*

*jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artiklolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is- sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hi wahda ta' ordni pubblika immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati Kawtelatorji jintuza b'abbuz";*

Illi għalkemm ir-rikorrenti ma jagħtiex indikazzjoni taħt liema disposiżżjoni qiegħed jinvoka l-applikazzjoni ta' l-artikolu sub inċiz 8, minn eżami ta' dak li jgħidu s-sub inċiżi kollha ta' l-istess artikolu 836(8) ma tarax li t-talba hija waħda ġustifikata. Mill-qari tar-rikors in eżami l-Qorti tista tasal illi r-rikorrenti aktar iqarreb lejn dak provdut fis-sub inċiz ċ, pero terga tirritjeni l-Qorti illi l-fatt biss li f'pendenzi reċiproċi kull parti tirrikorri għal att kawtelatorju ma jfissirx illi dana tagħmlu b'mod vessatorju jew b'malizja. Lanqas ma jfisser li l-kawtela ma tkunx ġustifikata rrelevanti jekk fl-aħħar is-sekwestrant ma jingħatax raġun.

L-aħħar talba li għandha tiġi kkunsidrata hija dik tal-garanzija mitluba ai termini ta' l-artikolu 838A tal-Kap 12

Għandu jiġi mifhum illi it-talba għad-depożitu ta' garanzija m'għandhiex tintlaqa' b'mod awtomatiku, tant li l-artikolu 838A tal-Kap 12 jgħid lil:-

"Il-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

Isegwi minn dan li biex il-Qorti taċċetta din it-talba trid tintwera l' hekk imsejħa kawża ġusta. Jinħareġ jintwera li l-mandat kawtelatorju qiegħed jirreka preġudizzju irraġonevoli tant li jinħtieg il-ħrug ta' garnazija biex jagħmel tajjeb għal dan jekk ikun il-każ fil-futur.

Naraw ukoll illi fil-provediment fl-ismijiet **Gismella Adam Ahmed noe vs Abdel Ahmed Milad Ashur**[2] ingħad dan :-

*"Ghaldaqstant, l-artikolu 838A joffri r-rimedju alternattiv taħt zewg aspetti, li l-persuna li toħrog il-mandat u li żammet il-mandat in vigore, tagħti garanzija kif ordnata mill-Qorti, u Fin-nuqqas li tingħata l-istess garanzija, l-Qorti tordna t-tneħħija tal-mandat, liema ordni trid tkun b'ordni unika. It-talba tar-rikorrent ezekutat, fil-kaz in ezami, hi ppernjata proprju fuq dan il-punt.*

*Iżda, jiġi ritenut ukoll, li l-applikazzjoni tal-artikolu 838 A jirrikjedi wkoll il-"kawza gusta" li twassal sabiex jitqiegħed piż fuq l-ezekutant tal-mandat sabiex joffri garanzija. Il-fatt innifsu li jkun inħareg il-Mandat u li jkun qed jimponi limitazzjonijiet fuq l-ezekutat, ma jitqiesx bħala "kawza gusta" ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12. (Ara* ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty****, P.A. – 4 ta' Ottubru 2002).*

*Difatti, fil-kaz* ***Zarb John vs Port Cottonera Limited****, P.A. deċiza fit-18 ta' Settembru 2002, ingħad:*

[2] 878/2016 LSO: 4/7/2017

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta` ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permissibbli mil-ligi."*

*Fil-kawza* **Charles Darmanin vs Albert Cachia et,** *P.A. deċiza fit-31 ta' Lulju 2007 ġie ritenut:*

*"Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera 'kawza gusta, biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala 'kawza gusta' ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi kawza gusta ghall-finijiet tal-artikolu 838A l-fatt li persuna li kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qeghda ggarrab danni minhabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili." (Ara wkoll* **Asssociated Supplies Ltd. vs Joseph Mizzi**, *P.A. 1006/12 deciza fis-6 ta' Frar 2013).*

*Fil-kaz* ***"Avukat Vincent Falzon noe. vs Alex Sullivan"*** *– P.A. (GC) 2 ta' Marzu 2001, intqal li: "d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug ta' att kawtelatorju", u diment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. U minbarra hekk, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess mandat." (Ara* ***"Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd."-*** *P.A. (TM) – 13 ta' Marzu 2003."*

Illi applikati dawn il-prinċipji ennunċjati l-Qorti ma tqiesx li hawn tirriavisa sitwazzjoni fejn hija ġustifikata l-għoti ta' ġaranzija. Ma tistax tgħid li nonostante il-lanjanzi mressqa li l-mandat ħareg b'xi mod abbusiv, lanqas b'qerq jew frugħa.

**Konsewgwentement tiċħad ukoll din it-talba.**

**Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**